MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 87/1999/1

Joseph Xuereb,
Maria Borg ;
Loreta Azzopardi u b'nota tat-8 ta' Ottubru, 1999
Loreta Azzopardi qed iċċedi l-kawża mingħajr
Preġidizzju għal kawża kif imnedija minn l-atturi l-ohra,
f'dik li jirrigwardja lilha fil-konfront tal-konvenuti kollha .

vs

Eugenia Buttigieg u Carmelo Buttigieg li b'degriet
tat-13 ta' Mejju, 1999 gie maħtur Kuratur Deputat
sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra Filomena sive
Phillis mart Sammy Buttigieg;
U b'degriet tat-28 ta' Mejju, 2002 ġew kjamati
fil-kawża Nazzareno Xuereb, David Xuereb,
Stephen Xuereb li jgħix fl-esteru, u Loreta
Azzopari ; u b'degriet tat-18 ta' Ottubru, 2002
l-avukat Dr. Chris Said ġie nominat kuratur deputat
sabiex jirrappreżenta lil Stephen Xuereb
fl-atti taċ-ċitazzjoni peress li jinsab imsiefer .

Il-Qorti ,
Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-ġenituri tal-kontendenti, mietu kwantu għal missier Wenzu Xuereb fis-sitta ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u sebgħa u tmenin (6/7/87) u kwantu għal l-omm Carmela Xuereb fid-dsatax ta' Frar ta' l-elf disa' mija u disgħa u disgħin (19/2/1999) ;
Illi Wenzu Xuereb irregola s-successjoni tiegħu permezz ta' żewġ testmenti wieħed datat il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u sebgħin (1971) in atti tan-nutar Giuseppe Cauchi, u ieħor tat-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) in atti tan-nutar Michael Refalo, liema testmenti hu għamel unica charta flimkien ma' martu, filwaqt illi martu apparti dawn it-testmenti fuq imsemmija għamlet testment in atti tan-Nutar Michael Refalo datat l-erbatax (14) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) .

Illi permezz ta' dawn it-testmenti l-kontendenti ġew istitwiti werrieta universali flimkien ma' huthom oħra . Fl-istess testmenti t-testaturi innominaw lil xulxin bħala uzufruttwari reciproci ta' xulxin . B'dan illi għalhekk l-uzufrutt godenti minn Carmela Xuereb tal-beni kollha ta' żewġha spiċċa mal-mewt tagħha .

Illi permezz tat-testment tat-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987), Filomena sive Phillis mart Sammy Buttigieg ġiet imħollija permezz ta' prelegat d-dar b'garaxx magħha, illi jisimha 'Xuereb House' fi triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex bl-oġġetti kollha mobbli 'a limine intus' inklużi għalhekk oġġetti tad-deheb, fidda u ħagar prezzjuż u flus kontanti . Illi dan il-legat ġie imħolli bil-kundizzjoni espressa illi l-imsemmija Filomena Buttigieg kellha tibqa' tirrendi liż-żewg testaturi dawk is-serviġi, kuri w assistenzi kollha li jkollhom bżonn sal-mewt tas-superstiti fosthom .

Illi din il-kundizzjoni ma ġietx mwettqa minn l-imsemmija Filomena Buttigieg illi snin ilu emigrat lejn l-Amerika u

qatgħet kull kuntatt mal-ġenituri tagħha, u għalhekk hi ma setgħet qatt tibbenifika minn dak il-legat, kif jiġi pruvat aktar fid-dettal waqt is-smiegħ tal-kawża .
Ill wara dan kollu b'testment ieħor illi sar in atti tan-Nutar Michael Refalo fl-erbatax (14) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991), Carmela Xuereb bidlet dak il-legat u ordnat illi dak il-fond wara mewtha jiġi dispost diversament .

Illi l-intimata Phillis Buttigieg illi qatt ma setgħet ibbenefikat minn dak il-legat mħolli lilha minn missierha (peress illi dik il-parti li tikkoncerna l-ommha ġiet mibdula) għal dik ir-raguni fuq imsemmija, biegħet in-nofs indiviż tal-fond 'Xuereb House' fi Triq il-Ġnien, Għajnsielem, meta dan in-nofs indiviż qatt ma sar tagħha stante illi l-kundizzjoni stipulata ma' twettqitx, u għalhekk dan in-nofs indiviz vesta f'idejn l-eredi kollha illi l-atturi huma tlieta minnhom .

Illi madankollu l-imsemmija Filomena Buttigieg assenjat dan in-nofs indiviz ta' dan il-fond b'titolu ta' permuta lil konvenuta l-oħra Eugenia mart Carmelo Buttigieg nhar l-erbatax (14) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991), b'kuntratt in atti tan-Nutar Michael Refalo liema trasferiment qatt ma setgħa sar stante illi dik il-proprjeta' qatt ma kienet tagħha .

Illi dan il-kuntratt sar bi preġudizzju għal jeddijiet ta' l-atturi in kwantu kif jiġi dettaljatament pruvat waqt il-kors tal-kawża l-istess nofs indiviż tal-proprjeta' illum tappartjeni lill-istess atturi fi kwoti ta' wieħed minn tmienja (1/8) kull wieħed u l-konvenuta Filomena Buttigieg qatt ma setgħet tittrasferixxi din l-art, stante li qatt ma kienet proprjetarja ta' din l-art .

Illi għalhekk l-imsemmi kuntratt ta' permuta ta' l-erbatax (14) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991), huwa null in kwantu jirrigwarda dik il-proprjeta fil-kwoti indikati u ma jagħmilx stat fil-konfront ta' l-atturi f'dak ir-rigward .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti :

1. Fl-ewwel lok tiddikjara illi l-kundizzjoni li għalih kien soġġett il-prelegat imħolli minn Wenzu Xuereb permezz tat-testment tat-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987), lil Filomena sive Phillis mart Sammy Buttigieg u ċioe' in-nofs indiviż tad-dar b'garaxx magħha, illi jisimha 'Xuereb House' fi triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex bl-oġġetti kollha mobbli 'a limine intus' inklużi għalhekk oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż u flus kontanti, ma ġietx imwettqa minn Filomena Buttigieg (kif spjegat fil-premessi) u għalhekk l-imsemmija konvenuta Filomena Buttigieg ma setgħet qatt tibbenifika minn dak il-prelegat, li konsegwentement vesta f'idejn l-eredi .

2. Konsegwentement tiddikjara illi dak in-nofs indiviż illum jappartjeni lill-atturi fi kwota ta' wieħed minn tmienja kull wieħed .

3. Tiddikjara illi l-konvenuta Filomena Buttigieg qatt ma kellha jedd fuq dak in-nofs indiviż tad-dar imsemmija .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Xuereb .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi in linea preliminari, dan il-ġudizzju mhux integru, trattandosi minn dispożizzjonijiet testamentarji u kwistjonijiet li jinvolvu l-wirt u suċċessjoni ta' Lorenzo u Carmela Xuereb mingħajr ma huma preżenti f'dan il-ġudizzju l-werrieta kollha konjuġi Xuereb . Għaldaqstant l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju .

2. Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi u dan għaliex fl-ewwel lok il-legat imħolli lil Filomena Buttigieg ma ġiex assoġġettat għal xi kondizzjoni simili għal dik indikata mill-atturi fiċ-ċitazzoni tagħhom . Tant illi

t-tieni artikolu tat-testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-tnejn (2) ta' Ġunju 1987 ma jirreferi għal ebda '*kondizzjoni'* iżda jsemmi biss '*patt'* . F'għajnejn il-liġi patt għandu portata ferm differenti minn kondizzjoni, u n-nuqqas ta' osservanza ta' patt (anke jekk għall-grazzja ta' l-argument fil-fatt teżisti xi ksur tal-patt – ħaġa li qegħda tiġi kontestata mill-eċċipjenti), il-konsegwenza ma tista' qatt tkun id-dekadenza mil-legat .

3. Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, mhux minnu illi Filomena Buttigieg kisret il-patt impost minn missierha sabiex hija tkun tista' tibbenefika mil-legat imħolli lilha minnu, u dan għar-raġunijiet spjegati aħjar u f'aktar dettal fid-dikjarazzjoni tal-fatti akkompanjanti din in-nota .

4. Illi għall-istess raġunijiet fattwali, tirriżulta ċara w inkontrovertibbli l-intenzjoni ta' l-omm Carmela Xuereb illi teżenta lil bintha Filomena Buttigieg mill-patt imsemmi fit-testment unika karta .

5. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretensjonijiet tal-atturi huma llum kolpiti bil-preskrizzjoni deċennali akkwiżittiva, stante illi Filomena Buttigieg, u warajha Eugenia Buttigieg ilhom fil-pussess paċifiku, animo domini, pubbliku, mhux ambigwu, u mhux interrott tal-oġġett imħolli b'legat mill-missier għal aktar minn għaxar snin, u eżattament mid-data tal-mewt tal-missier Lorenzo Xuereb illi sehhet fis-sitta (6) ta' Lulju elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987) .

6. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni u t-tielet talbiet ta' l-atturi, kif formulati ma jistgħu qatt jiġu milqugħa għaliex mhux veru illi n-nofs indiviż ġia appartenenti lil Lorenzo Xuereb illum jappartjeni lill-atturi fi kwoti ta' wieħed minn tmienja (1/8) kull wieħed. Lorenzo Xuereb kellu tmien ulied, u skond it-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-ħmistax (15) ta' Novembru elf disa' mija wieħed u sebgħin, huwa nnomina bħala eredi tiegħu lit-tmien uliedu kollha . L-atturi huma biss tlieta minn dawn it-tmienja u għalhekk ma jista' jkun qatt illi n-nofs ġia appartenenti lil missierhom illum jappartjeni lilhom biss . Għall-istess raġuni t-tielet talba

ma għandhiex u ma tistax tiġi milqugħa għaliex l-atturi ma jistgħu qatt ikunu titolari tan-nofs indiviż kollu ġia appartenenti lil missierhom u kwindi jonqos fihom l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jimpunjaw il-kuntratt ta' permuta in kwantu jirrigwarda l-ħames ottavi tan-nofs indiviż illi eventwalment ikunu jispettaw lill-istess konvenuti u lit-tlett aħwa l-oħra .

7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Carmelo Buttigieg .

Rat in-nota ta' l-attriċi Loreta Azzopardi tat-8 ta' Ottubru 1999 fejn ċediet il-kawża fil-konfront tal-konvenuti, mingħajr preġudizzju għall-kawża mnedija mill-atturi l-oħra .

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Mejju 2002, fejn ġew kjamati fil-kawża Nazzareno Xuereb, David Xuereb, Loreta Azzopardi u Stephen Xuereb .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine Dottor Chris Said li eċċepixxa illi :

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok għal dina l-kawża u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi miġjuba .

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minnu maħlufa .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li biha eċċepew illi :

1. Illi din il-kawża si tratta mil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tal-kontendenti Wenzu Xuereb illi miet fis-6 ta' Lulju 1987; u Carmela Xuereb illi mietet fid-19 ta' Frar 1999 . L-atturi naqsu illi

jġibu prova illi l-assi ereditarji illi tagħhom qed tintalab id-diviżjoni ġew inklużi fid-denunzja ta' Wenzu Xuereb, u fid-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis ta' Carmela Xuereb . Għaldaqstant fit-termini tal-artikolu 63 tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta, dawn il-proċeduri għandhom jitwaqqfu ipso jure sakemm l-atturi ma jressqux il-prova illi dawn il-prattiki neċessarji effettivament saru .

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti annessa ma din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet .
Rat il-verbal tagħha tat-28 ta' Ottubru 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Permezz ta' din l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom il-konvenuti qed jinvokaw l-artikolu 63(1) tal-Kap. 364 li jistipula illi ebda proċeduri legali dwar proprjeta' mmobbli provenjenti minn wirt, ma jistgħu jitkomplew qabel ma tkun saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* mitluba mill-liġi .

Huwa minnu illi l-proprjeta' mertu tal-kawża preżenti, u ċioe' n-nofs indiviz ta' dar b'garaxx magħha magħrufa bl-isem "Xuereb House" fi Triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex, kien jappartjeni lill-missier il-kontendenti li miet fis-6 ta' Lulju 1987. L-atturi jammettu illi huma qatt ma ddenunzjaw din il-proprjeta' għall-finijiet u effetti tal-liġi . Jikkontendu pero' illi dan ma kienux tenuti jagħmluh għal żewġ raġunijiet :

1. qabel ma tiġi deċiża l-kawża preżenti ma jistax ikun magħruf jekk huma tassew għandhomx xi sehem minn din il-proprjeta' ; u

2. fi kwalunkwe każ l-obbligu li ssir tali dikjarazzjoni *causa mortis* skada b'għeluq l-għaxar snin minn mewt missierhom, u din il-kawża ġiet intavolata sentejn wara li kienu għaddew dawn l-għaxar snin .

Permezz tal-kawża preżenti l-atturi qed jitolbu r-rivendika ta' dan is-sehem mingħand oħthom Eugenia Buttigieg, li da parti tagħha kienet xtratu mingħand oħtha Filomena Buttigieg li kien ġie lilha mħolli bi prelegat minn missierha bit-testment tiegħu tat-2 ta' Gunju 1987 . L-atturi jikkontendu illi dan il-prelegat tilef il-validita' tiegħu billi din Filomena Buttigieg qatt ma daret bil-ġenituri tagħha, kundizzjoni li miegħu kien marbut dan il-prelegat . Kif tajjeb isostnu l-atturi fin-nota tagħħhom, qabel ma jkun hemm dikjarazzjoni f'dan is-sens mill-Qorti u jsir il-kuntratt li bih jiġi dikjarat null il-kuntratt li bih din il-proprjeta' ġiet trasferita mingħand konvenuta għall-oħra, ma jistax ikun hemm iċ-ċertezza illi l-atturi tassew għandhom xi sehem provenjenti lilhom mill-wirt ta' missierhom mill-proprjeta' in kwistjoni . Żgur għalhekk illi ma kienu tenuti jagħmlu ebda dikjarazzjoni *causa mortis* dwar l-istess proprjeta' f'tali ċirkostanzi[1] .

Il-Qorti taqbel ukoll mal-kontenzjoni ta' l-atturi illi fi kwalunkwe każ l-obbligu ta' tali dikjarazzjoni jinsab preskritt b'għeluq l-għaxar snin minn mewt missierhom, u dan a tenur tas-subinċiż erbgħa (4) ta' l-artikolu 63 tal-Kap. 364, l-istess artikolu li fuqu qed jibbażaw l-eċċezzjoni preżenti tagħhom il-konvenuti . Dan is-subartikolu jistipula illi "*d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux wara li jgħaddu għaxar snin mit-trasferiment causa mortis relattiva*" . Dan it-trasferiment neċessarjament iseħħ mal-mewt tad-*decujus* li fil-każ tagħna ġrat fis-6 ta' Lulju 1987 . L-obbligu għalhekk illi l-proprjeta' hekk trasferita tiġi denunzjata spiċċa b'għeluq l-għaxar snin minn dik id-data, u mill-ebda data oħra li jinsisti fuqha xi ħadd mill-kontendenti għall-finijiet partikolari tiegħu .

---

[1] Ara f'sens simili s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża : Dr.Albert Camilleri noe . vs. Anton Cassar et. deċiża fl-20.1.2004 .

Għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni .

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------